# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2001

Citazzjoni numru 2640/96 AJM

Kawza numru 16

AWT Handels Gesellschaft mbH kif rappresentata lokalment mill-mandatarju taghha l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino

Vs

Il-bastiment M/V Dmitri Poluyan u l-Avukat Paul J. Farrugia u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici nominati b'digriet tat-3 ta' Settembru 1996 kuraturi deputati sabiex jirrapresentaw lis-socjetajiet esteri Black Sea Shipping Co. Inc. u Interpacific Shipping (BVI) Ltd u K & L Shipping Co. Inc. u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 1997 gie ordnat il-kjamat fil-kawza tal-Istat tal-Ukraina u gew mahtura kuraturi deputati Dr. Raymond Zammit u l-P.L. Nicholette Aquilina biex jirrapresentaw l-Istat tal-Ukraina.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-30 ta’ Awissu 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-vapur M/V Dmitri Poluyan kellu jittrasporta merkanzija konsistenti f’ 1,447.524 tunnellata metrika Ferrosilicone u dan minn Tolcea, Rumania lejn New Orleans – l-Istati Uniti u dan in segwitu ta’ kuntratt ta’ nollegg in data l-1 ta’ Lulju 1996 bejn l-istanti u K & L Shipping Co.; illi nonostante li l-merkanzija giet debitament mghobbija abbord u n-noll kollu mhallas lill-proprjetarji tal-bastiment, Black Sea Shipping Co, kif rikjest mill-istess K & L Shipping Co., il-merkanzija ghadha ma twasslitx fid-destinazzjoni taghha tant li l-bastiment dam minn madwar it-3 ta’ Awissu 1996 wieqaf barra l-ibhra territorjali maltin u dahal biss fil-port il-Kbir fis-27 ta’ Awissu 1996; illi huwa evidenti li l-istess bastiment mhuwiex f’qaghda li jkompli bil-vjagg billi huwa nieqes miz-zejt u di pju jidher li l-konvenuti huma kollha fi stat finanzjarju prekarju b'dan illi l-kuntratt ta' gar u vjagg gie ghal kollox frustrat u arbitrarjament terminat; l-istanti gew rikjesti sabiex ihallsu l-ispejjes taz-zejt, is-salarji u arretrati dovuti u l-ekwipagg kif ukoll li jhallsu ghall-provvisti tal-ekwipagg, haga li mhijiex accettabbli; illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ istanti bhala possessur tal-polza ta’ kariku hija ntitolata titlob u tinsisti f’kull hin li tigi konsenjata l-merkanzija in kwistjoni kontra konsenja tal-istess polza ta’ kariku; illi d-dewmin fil-konsenja tal-merkanzija kkawza danni kif ukoll il-frustrazzjoni tal-vjagg qieghed ikompli jikkawza danni ngenti; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-konvenuti jikkonsenjaw u/jew jirrilaxxaw il-merkanzija hawn fuq indikata lill-istanti f’terminu qasir u perentorju u li fin-nuqqas jigu awtorizzati l-atturi sabiex jiskarikaw il-merkanzija huma minn fuq abbord bi spejjes ghall-konvenuti;

2. tiddikjara illi l-vjagg hawn fuq indikat gie frustrat jew terminat minhabba l-inadempjenza tal-konvenuti jew (min) minnhom fl-esekuzzjoni tal-obbligi rispettivi minnhom assunti u li konsegwentement huma responsabbli ghad-danni kawzati minhabba nuqqas li tigi konsenjata l-merkanzija fid-destinazzjoni taghha kif ukoll danni ghall-dewmien u spejjes ingenti li ser jigu nkorsi sabiex l-istess merkanzija tigi skarikata, trasbordata u konsenjata fid-destinazzjoni taghha;
3. tillikwida d-danni hekk sofferti;
4. tikkundannahom sabiex solidalment jew mod iehor ihallsu lill-istanti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandati ta' qbid u impediment ta' tluq ta' bastiment presentati fis-27 ta' Awissu 1996 kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Dr. Paul Farrugia et noe li permezz taghha eccepew illi huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant irrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-istess konvenuti nomine.

Rat is-sentenza taghha tal-4 ta' Novembru 1996 meta laqghat l-ewwel talba attrici billi kkundannat lill-konvenuti jikkonsenjaw lura lill-attur nomine fi zmien jumejn mid-data tas-sentenza, l-merkanzija indikata fil-Bill of Lading tal-20 ta' Lulju 1996 u billi fin-nuqqas awtorizzat

lill-istess attur nomine li, a spejjes tal-istess socjetajiet konvenuti, jiskarikaw l-merkanzija huma stess, billi f'kull kaz l-attur nomine kellu jikkonsenja lill-Kaptan tal-Bastiment l-polza ta' kariku. Bl-ispejjes ghall-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Dicembru 1997 li permezz tieghu wara li laqghat it-talba attrici maghmula fir-rikors tal-1 ta' April 1997, ordnat il-kjamata in kawza tal-istat tal-Ukraina bl-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Rat in-nota ta' Dr. Raymond Zammit et fil-kapacita' taghhom ta' kuraturi ghall-istat tal-Ukraina presentata fit-23 ta' Dicembru 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. Huma mhux edotti mill-fatti u jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.
2. Li din l-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni fuq il-kjamati in kawza.
3. Illi l-premessi u t-talbiet tac-citazzjoni b'ebda mod ma jistghu jimplikaw lill-Istat tal-Ukraina u ghalhekk l-istess Stat ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.
4. Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamati in kawza huma preskritti u time barred.
5. Illi c-citazzjoni u l-atti kollha ghandhom jigu redatti bil-lingwa tal-Ukraina.
6. Illi jidher illi l-kjamata in kawza tidher li hija biss intiza li jinstab kontradittur li jista' jaghmel tajjeb ghal hsara la donnu kif jinghad fic-citazzjoni il-partijiet l-ohra m'humiex f'qaghda li jaghmlu dan. Mic-citazzjoni ma jidhirx li l-kjamati in kawza b'xi mod kellhom

x’jaqsmu jew huma legalment responsabbli ghal dak li jinghad fic-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-kjamati in kawza.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-24 ta’ Marzu 2000 meta l-kjamati fil-kawza talbu “li din il-Qorti tirrekuza ruhha billi ga ppronunzjat ruhha fuq il-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni taghha vis-a-vis stat esteru.”

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Dicembru 2000 meta t-talba tal-kjamati fil-kawza fuq imsemmija giet michuda bl-ispejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tad-difensuri tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

B’din is-sentenza, wara diversi incident ta’ natura preliminari, baqgha li jigu determinati it-tieni, it-tielet u ir-rabgha talbiet attrici u basikament (a) li l-fatti tal-kaz jaghtu lok ghall-dikjarazzjoni ta’ responsabbilita’ ghad-danni reklamati; (b) fuq minn taqa’ din ir-responsabbilita’ u (c) likwidazzjoni u kundanna hlas ta’ l-istess danni. F’dan ir-rigward il-bastiment, kif rappresentat mill-Kaptan tieghu ma ressaq ebda eccezzjonijiet. Il-konvenuti Dr. Paul Farrugia et in rappresentanza tas-socjetajiet Black Sea Shipping Co. Inc, Interpacific Shipping (BVI) Ltd u K & L Shipping Co. Inc. filwaqt li rriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri billi ma kienux edotti

mill-fatti, effettivament ma presentaw ebda eccezzjonijiet fil-mertu. Ghal kuntrarju li stat ta' l-Ukraina, bhala kjamat in kawza, ressaq diversi eccezzjonijiet ghat-talbiet fil-konfront tieghu. Dawn huma basikament:-

a) li din il-Qorti ma ghandhiex gurisdizzjoni kontra stat barranni. Din il-kwistjoni gja giet kunsidrat dettaljatament meta l-Qorti hadet konjizzjoni tat-talba ghall-kjamat in kawza tal-istat tal-Uktaina maghmula mill-attur u li giet milqugha bid-digriet taghha ta' l-1 ta' Dicembru 2000, kif fuq inghad.

b) Il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici. Dwar din l-eccezzjoni jinghad li ma saret ebda referenza ghal xi provvediment specifiku tal-ligi, ma inghatat ebda informazzjoni ulterjuri u ma saret ebda sottomissjoni relevanti. Ghalhekk din ma tistax tigi konsiderata.

c) Fl-ahharnett qed jinghad li l-fattispecie tal-kaz ma jikkoncernawx il-kjamat in kawza u ghalhekk ma jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' responsabilita' fil-konfront tal-istess stat tal-Ukraina. Din l-eccezzjoni naturalment ser tigi kkunsidrata flimkien mal-konsiderazzjonijiet li ser taghmel din il-Qorti dwar minn hu responsabbli ghad-danni kemm'l darba tezisti tali responsabbilita'.

Ikkunsidrat:-

**Gustifikazzjoni tat-talba ghad-danni.**

Fl-1 ta' Lulju 1996 s-socjeta' attrici kkuntrattat lis-socjeta' K & L Shipping Co, ta' Houston, Texas sabiex jingarr kwantita ta' materjal maghruf bhala ferrosilicone tramite il-bastiment M/V Dimitry Polan, (indikat fl-atti tal-kawza bhala Dmitriy Poluyan u fid-dikjarazzjoni tas-27 ta' Awissu 1996 tal-Kaptan lil agenti Ronasons bhala Dimitri Poluyan,) minn Tulcea, ir-Romania lejn New Orleans fli Stati Uniti. Dan il-vjagg

gie frustrat u interrot hawn Malta wara li l-istess bastiment ghamel zmien il-barra mill-ibhra territorjali maltin u finalment kellu jiddahhal fil-port tal-Belt, Valletta, billi kien "running very low on bunkers both fuel oil as well as marine gasoil" u billi kien jehtieglu "provisions and fresh water" kif stqarr il-Kaptan tal-istess bastiment f'dikjarazzjoni tas-27 ta' Awissu 1996 lis-socjeta' Ronasons, agenti tal-vapur (Dok I fol 31). Dan li stat ta' fatt jirrizulta ukoll mix-xhieda ta' Paolo Girelli li ntbghat mis-socjeta' attrici sabiex jispezzjona l-kondizzjoni tal-merkanzija u tal-vapur bl-iskop li jistabilixxi jekk l-vjagg seta' jitkompla lejn New Orleans. Girelli kellu trattativi mal-Kaptan tal-Vapur u minn dak li skopra rrizulta li l-bastiment ma kellux il-provigjonament sabiex jasal fid-destinazzjoni tieghu. Inoltre rrizulta li sew is-socjetatjiet konvenuti kif ukoll is-sidien tal-bastiment kienu fi stat finanzjarju hazin hafna b'mod li ma kienux fi stat li jipprovdu ghall-bzonnijiet tal-bastiment sabiex dan jgieb fit-tmien il-vjagg kkuntrattat.

Kien ghalhekk li l-bastiment dahal Malta fejn, a kariku tas-socjeta' attrici, gie provdut bi kwantita zghira ta' bunkers, ilma u anke stores ghall-ekwipagg. Dakinhar li l-bastiment dahal Malta gie maqbud mis-socjeta' attrici biex dina, in vista tal-fatt li l-vjagg ma setghax jitkompla, tiehu pussess tal-merkanzija taghha kif awtorizzata bil-ligi u kif effettivament giet awtorizzata b'sentenza ta' din il-Qorti kif fuq inghad. Inoltre dan il-qbid kien mehtieg sabiex l-istess socjeta' attrici tissalvagwarda l-interessi taghha konsistenti f'likwidazzjoni ta' kumpens ghal telf soffert.

Dan il-qbid u impediment tal-partenza tal-bastiment gew effettwati wara diversi tentattivi biex l-kwistjoni tigi solvuta. Mix-xhieda ta' Ermanno Zakkar, il-konsulent inkarigat mis-socjeta' attrici, jirrizulta li sar minn

kollox biex s-sitwazzjoni tal-bastiment kawzata minhabba l-posizzjoni finanzjarja hazina tas-sidien u tan-nollegganti, tingib ghas-sewwa u b'hekk il-vjagg li beda fir-Rumanija jasal ghat-tmiem tieghu. Ghal dan il-ghan s-socjeta' attrici offriet flus sabiex jinxtraw il-bunkers, u jithallsu l-ispejjes kollha necessarji sabiex l-vjagg jasal fit-tmiem tieghu. Din l-offerta saret bil-kundizzjoni li ssir rifuzjoni tal-ammonti sborsati minn introitu prospettiv u tinghata garanzija li l-merkanzija tasal fl-Istati Uniti. Izda ma intlahaq ebda ftehim u ghalhekk dawn it-trattativi sfaw fix-xejn.

Effettivament il-bastiment inqabad hawn Malta u s-socjeta' attrici, bi spejjes ingenti ghaliha, kellha tisbarka l-merkanzija taghha minn abbord sabiex jinstabu mezzi ohra biex din tasal fid-destinazzjoni. Dan kollu gara tort u htija tal-konvenuti jew min minnhom li naqsu milli jipprovdu l-bastiment b'dak kollu li jirrendih "sea worthy" b'mod li l-vjagg intrapriz jingieb fit-tmiem tieghu bil-kosegwenzi tal-provvedimet ta' l-artikolu 295 tal-Kodici tal-Kummerc li jirrendi l-persuni responsabbli ghall-hlas tad-danni.

b) **Min ghandu jirrispondi ghad-danni.**

L-azzjoni odjerni hija sew *in rem* u cioe l-azzjoni kontra l-bastiment ghall-krediti kontemplati fil-Ligi Ingliza dwar l-Ammiraljat reza applikabbli bl-artikolu 370 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll *in personam* fejn is-sidien u/jew ic-charterers tal-bastiment jistghu jigu mizmuma responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur.

**Actio in rem.**

Proceduri kontra bastiment jistghu jittiehdu separatament minn kull responsabbilita' li tista' tigi stabbilita fil-konfront tas-sidien jew nollegganti minhabba inadempjenza kuntrattwali meta jigu sodisfatti l-elementi kollha rikjesti sabiex tigi radikata tali gurisdizzjoni. Issa jidher li l-azzjoni tresqet kontra l-bastiment li kien jinsab f'ibhra territorjali ta' Malta wara li dan kien mizmum milli jitlaq sabiex l-eventwali sentenza tkun tista' tigi ezegwita fuqu. Inoltre ma jidhirx li hemm kontestazzjoni li s-socjeta' attrici ghandha dritt tirkupra kontra l-bastiment dawk l-ispejjes effetivament inkorsi minnha "for necessaries supplied to the ship" konsistenti fis-somma ta' LM46,500 imhallsa lis-socjeta' Ronasons International, l-agenti tal-bastiment hawn Malta u dana a saldu tal-ispejjes inkorsi mill-agenti kif ukoll id-drittijiet ta' agenzija, u is-somma ta' LM3908 inkorsi direttament mill-atturi in konnessjoni mal-provvista ta'ilma, ikel u provvisti ohra, hlas ta' salarji lill-ekwipagg u hwejjeg simili.

**Actio in personam.**

L-azzjoni intentata hija ukoll *in personam,* u cioe indirizzata lejn id-diversi entitajiet u anke stat barrani, li b'xi mod jew iehor kienu involuti mal-bastiment jew mal-kuntratt ta' nolegg in kwistjoni u dana sabiex dawn jaghmlu tajjeb ghal dawk id-danni jew spejjes li ma humiex azzjonabbli kontra l-bastiment.

Kif rajna aktar il-fuq ir-relazzjoni principali kienet bejn is-socjeta' attrici, in-noleggatur, u s-socjeta' K & L Shipping Co. ta' Houston, Texas, socjeta' nollegganti, li intrabtet b' "voyage charter" sabiex twassal l-merkanzija tas-socjeta' attrici mir-Rumania ghal New Orleans, fl-Istati Uniti. F'dan ir-rigward l-artikolu 295 tal-Kodici tal-Kummerc jippreskrivi

li "In-nolleggant jitlef in-noll u <u>jwiegeb ghad-danni</u> u l-imghaxijiet lejn in-noleggatur, jekk dan jipprova li l-bastiment <u>ma kienx tajjeb ghall-bahar meta siefer.</u>" Billi jirrizulta, kif fuq inghad, li l-bastiment in kwistjoni ma kienx fornit bil-bunkers u nieqes minn kull haga ohra mehtiega sabiex il-vjagg jitwassal fit-tmien tieghu u konsegwentement ma kienx "tajjeb ghall-bahar" ir-responsabbilita' ta' din is-socjeta' fil-konfront tas-socjeta' attrici hija wahda diretta u determinata ex lege stante li din kellha l-kontroll effettiv tal-operazzjoni kummercjali tal-istess bastiment.

Is-socjeta' attrici qeghdha ukoll tagixxi kontra s-socjetajiet Interpacfic Shipping (BVI) Ltd, bhala "time charterer" minghand is-socjeta' Black Sea Shipping Co. kif ukoll kontra li stat ta' l-Ukraina qua "beneficial owner" tal-bastiment in kwistjoni.

Qed jigi sottomess mis-socjeta' attrici li dawn il-konvenuti ghandhom jirrispondu ghad-danni sofferti minnha billi ukoll kellhom ir-responsabbilita' li jiggarantixxu l-vjagg kuntrattat mas-socjeta' attrici billi ukoll, fil-kaz tas-socjeta' Black Sea Shipping, u konsegwentement li stat tal-Ukraina, din kienet ingaggat l-Kaptan u l-ekwipagg.

Illi kif gja gie stabbilit l-bastiment in kwistjoni jappartjeni lill-flotta tal-istat tal-Ukraina li taghmel uzu mis-socjeta' Black Sea Shipping Co. Incorporated sabiex din tiggestixxi l-lat kummercjali ta' dak l-Istat f'dak li jikkoncerna flotta merkantili. Din is-socjeta' kienet innollegat l-bastiment taht 'Time charter party' lis-socjeta' Interpacific u din susegwentement innollegat l-istess bastiment lis-socjeta' K & L Shipping Co. Din l-ahhar socjeta' ikkuntrattat "voyage charter party" mas-socjeta' attrici sabiex l-merkanzija in kwistjoni tittiehed mill-Port ta' Tolcea, ir-Rumania sa New Orleans fl-Istati Uniti.

Mir-rizultanti processwali jidher li il-Kaptan tal-bastiment, kif ukoll l-ekwipagg, kienu gew ingaggati mis-sidien tal-istess bastiment u dana konformement mal-principju generali li meta, bhal fil-kaz in ezami, s-sidien jidhlu f' "time charter party" "the shipowner agrees with the time charterer to render services for a named period by his master and crew to carry goods put on board his ship by or on behalf of the time charterer." (Scrutton On Charter Parties and Bills of Lading p. 51 Ed. 19). Prova kuntrarja ma hemmx. Ghalhekk meta l-Kaptan tal-bastiment irrilaxxa l-Bill of Lading favur is-shippers tal-merkanzija li, sussegwentement assenjaw d-drittijiet taghhom lis-socjeta' attrici, rabat lis-sidien tal-bastiment man-nolleggaturi u cioe is-socjeta' attrici, u konsegwentement is-sidien assumew ir-responsabbilita' ukoll li jipprovdu "a seaworthy ship" tajjeb biex jwassal il-vjagg ghad-destinazzjoni tieghu. L-awtur Scrutton (ibid fol 68) meta jiddiskuti l-posizzjoni tas-sidien jghid "If the charter party is not a demise a bill of lading signed by the master or by the charterers as authorised agent of the Master is usually a contract with the shipowner."

Illi dan pero' ma japplikax ghas-socjeta' Interpacific Shipping (BVI) Ltd. Ghalkemm din is-socjeta' kienet hadet "time charter" minghand is-sidien tal-bastiment ma jidhirx li kellha xi konnessjoni mas-socjeta' attrici jew li kellha xi kontroll fuq il-bastiment innifsu jew fuq il-vjagg in kwistjoni. Ghalhekk it-talba fil-konfront ta' din is-socjeta' ma tistax tigi milqugha.

**Likwidazzjoni danni.**

L-attur jelenka d-diversi partiti ta' danni minnu sofferti fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu wara li ssir referenza ghax-xhieda, mhux

kontradetta, ta' Ermanno Zukar. Dawn id-danni li huma komputati sew f'lira maltija kif ukoll f'dollari amerikani huma s-segwenti:-

1. Ammont ta' LM46,500 imhallsa lil Ronasons International, l-agenti tal-bastiment hawn Malta kif jirrizulta mill-iskrittura tal-20 ta' Novembru 1998 u dana a saldu tal-ispejjes inkorsi mill-agenti kif ukoll id-drittijiet ta' agenzija. Mill-imsemmija skrittura ezebita a fol 247 tal-process jidher li s-socjeta' attrici hallset l-ammont fuq imsemmi u giet debitament surrogata fid-drittijiet tal-agenti tal-vapur kontra l-bastiment u s-sidien tieghu.
2. Ammont ta' LM3908.00 inkorsi direttament mill-atturi in konnessjoni mal-provvista ta' ilma, ikel u provvisti ohra, hlas ta' salarji lill-ekwipagg etc. Dan l-ammont jirrizulta mid-dokumenti A.1 u A.2 annessi max-xhieda ta' Erammano Zukar moghtija fis-26 ta' Frar 1997.
3. LM20,912.53 konsistenti f'handling charges hawn Malta skond id-dokument B.4 anness max-xhieda ta' Armanno Zukar fuq imsemmija. Kif ukoll is-somma ta' US$108,247.28 rappresentanti in-noll bejn Tulcea u New Orleans gja imhallas fl-ammont ta' US$72,000, in-noll addizzjonali mhallas lil m.v. Laura fl-ammont ta' US$28,000 u US$8247.53 rappresentanti insurance premium imnaqqas bl-ammont imhallas ghall-vjagg fuq l-m.v. Laura. Dawn l-ahhar tlett items jirrizultaw mid-dokumenti immarkati bl-ittra 'B' annessi max-xhieda fuq imsemmija.
4. US$261,128.76 rappresentanti telf ta' qliegh in segwitu tal-frustrazzjoni tal-vjagg u l-eventwali kancellament tal-bejgh u konsenja tal-merkanzija, inkluza f'dan l-ammont is-somma ta' US$10,070.20 ghar-rifuzzjoni ta' spejjes addizzjonali nkorsi mis-socjeta' attrici fl-Istati Uniti. Dokumenti immarkati bl-ittra 'C'

max-xhieda fuq imsemmija. Dwar din it-tieni partita ma hemmx x'wiehed jghid. Dwar l-ammont ta' US$251,058.56 rappresentanti allegati telf ta' profitti u cioe 'market loss' fuq il-merkanzija in kwistjoni minhabba kancellament tal-kuntratt ta' akkwist orginali, fix-xhieda tieghu tas-26 ta' Frar 1997 ix-xhud Zukar jghid li l-prezz ta' ferro silicon waqa' f'Dicembru 1996 u rega nizel meta l-konsenja in kwistjoni waslet l-Istati Uniti f'Jannar 1997. Ikompli jghid li l-prezz ta' US$960.00 kuntrattat ghal kull metric tonne ta' dan il-materjal fil- kuntrattat originali, nizel ghal US$206.38 per Mt. Pero' mix-xhieda fuq imsemmija jirrizulta li l-merkanzija kienet ghadha fil-pussess tas-socjeta' attrici fid-datat meta xhed. Meta rega xhed f'April tal-istess sena Zukar qal li parti mill-merkanzija ammontanti ghal 1,040.47 Mt. Kienet inbieghet b'telf ta' US$12.05 per Mt. B'kollox ghalhekk it-telf effettiv sa dak inhar kien biss jammonta ghal US$12,540.43 u mhux kif originarjament komputat fl-ammont ta' US$251,058.56. Naturalment jibqa' dejjem id-dritt tas-socjeta' attrici li tagixxi ghal kull telf addizzjonali fuq ir-rimanenti parti tal-merkanzija mhux mibjugha. F'dan l-istadju pero' dan ma jistax jigi kwantifikat.

5. US$85996.00 rappresentanti spejjes ta' surveys, inspections u spejjes ohra relatati u spejjes legali ta' l-avukati inglizi ingaggati mill-atturi sabiex jassistuhom f'dan il-kaz. Dawn l-ispejjes jirrizultaw mid-dokumenti annessi max-xhieda fuq riferita u mmarkati bl-ittra 'D'.

Is-socjeta' attrici qeghedha ukoll tippretendi kumpens ghall-imghaxijiet fuq il-kapital applikat mill-atturi sabiex jixtru l-merkanzija sad-data tal-bejgh ta' l-istess. Din it-talba mhux ammissibbli billi fl-ewwel lok ma

hemm ebda talba ghall-hlas tal-imghaxijiet u fit-tieni lok ma tirrizultax bic-car id-data tal-bejgh tal-merkanzija.

Ghalhekk tenut kont tal-fuq espost it-talba attrici ghad-danni qeghedha tigi likwidata fl-ammonti komplessivi ta' wiehed u sebghin elf tlett mija u ghoxrin lira maltin tlieta u hamsin centezimu (LM71,320.53) u mitejn u sittax il-elef tmien mija tlieta u hamsin punt wiehed u tmenin dollari amerikani (US$216,853.81).

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tipprovdi fuq din il-vertenza billi tiddikjara lill-konvenuti kollha, hlief is-socjeta' Interpecific Shipping (BVI) Ltd., responsabbli solidalment ghad-danni fil-konfront tas-socjeta' attrici minhabba l-frustrazzjoni tal-vjagg in sewgitu tal-kuntratt ta' nolegg ta' l-1 ta' Lulju 1996, tillikwida l-istess danni fis-sommom rispettivi ta' wiehed u sebghin elf tlett mija u ghoxrin liri maltin tlieta u hamsin centezimu (LM71,320.53) u fis-somma ekwivalenti f'liri maltin bir-rata tal-kambju prevalenti llum is-somma f'dollari amerikani ammontanti ghal mitejn u sittax il-elf tmien mija tlieta u hamsin punt wiehed u tmenin dollari amerikani (US$216,853.81).

L-ispejjes kollha gahndhom jigu sopportati solidalment bejn il-konvenuti hlief ghal dawk li jikkoncernaw s-socjeta' Interpacific Shipping (BVI) Ltd li ghandhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici.

Onor Imhallef Albert J. Magri